*- AMMISSJONI RIDUZZJONI -*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' April 2002**

**Numru : 36**

**Citaz. numru : 2123/00/RCP**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Calibre Ventures Limited, debitur principali, u Joseph Zammit u Christine Zammit, garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Calibre Ventures Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' erbgha u erbghin elf tmien mija u tnejn u sebghin lira u disgha u tmenin centezmu (Lm44,872.89,0) dovuti lill-istess Bank in

kwantu ghal Lm40,000 self *"brevi manu"* (Account No. 89 800 7111) u l-bilanc ta' Lm4,872.89,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000 kif jidher mill-*Istatement* hawn anness Dok. A

Illi s-socjeta' Calibre Ventures Limited hija debitrici ukoll tal-Bank attur fl-ammont ta' disat elef mitejn u tnejn u tletin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm9,232.71,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal Lm8,585.21,0 bilanc fil-kont kurrent (*Overdraft Account – Account No*. 89 100 0952) u l-bilanc ta' Lm647.50,0 imghax fuq l-istess ammont sad-29 ta' Frar 2000 kif jidher mill-*Istatement* hawn anness Dok. B;

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta Calibre Ventures Limited hija debitrici lejn il-Bank attur fl-ammont globali ta' erbgha u hamsin elf, mija u hames liri u sittin centezmu (Lm54,105.60,0) rapprezentanti in kwantu ghal Lm48,585.21,0 kapital u l-bilanc ta' Lm5,520.39,0 imghax fuq l-istess kapital sad-29 ta' Frar 2000 kif qabel spjegat;

Illi l-konvenuti Joseph Zammit u Christine Zammit ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur sal-ammont ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) kif jidher mill-Guarantee Form hawn annessa bhala dokument C;

U illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghal hlas baqghu inadempjenti.

U illi l-kreditu tal-Bank attur fis-somma ta' Lm54,105.60,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit tal-P.L. Nicholas Briffa, ir-rapprezentant tal-Bank attur, hawn anness Dok. X;

L-istess Bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta Calibre Ventures Limited, debitrici principali thallas lill-istess Bank attur is-somma globali ta' Lm54,105.60,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

3. Hekk tikkundanna wkoll minnufih lill-konvenuti l-ohra Joseph Zammit u Christine Zammit, garanti solidali, solidalment bejniethom u mas-socjeta' konvenuta Calibre Ventures Limited, ihallsu lill-istess Bank attur s-somma ta' Lm50,000.00,0 rapprezentanti l-ammont minnhom garantit u formanti parti mis-somma globali ta' Lm54,105.60,0 fuq imsemmija u dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mill-1 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-

konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat in-nota tal-Bank attur li biha rriduca t-talba ghal erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenuti permezz ta' nota billi **tilqa' t-talba tal-Bank attur** limitatament ghas-somma ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' April 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**17 ta' April 2002**